## 16 ta' Marzu, 1956

### Imħallfin:

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;**
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Liberata Spiteri (*) *versus* Carmelo Spiteri et.**

### Petizzjoni tal-Appell — Nullità — Liberazzjoni "ab observantia" — Trasfużjoni tal-Ġudizzju — Art. 809, 810, 141(2), u 142(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

*Il-petizzjoni tal-appell għandha tkun fiha t-talba għar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata, jew ta' xi parti minnha; u meta t-talba tkun għar-revoka, fil-petizzjoni għandu jintalab ukoll li tiġi milqugħa jew miċħuda t-talba. Però, jekk il-petizzjoni ma jkunx fiha din it-talba ukoll, id-difett huwa sanabbli, u ma jġibx għan-nullità tal-petizzjoni. Imma jekk is-sentenza appellata kienet illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju, lanqas ma hemm bżonn ta' dina s-sanatorja; u hija korretta l-petizzjoni li fiha l-appellant jitlob li tiġi revokata s-sentenza appellata u li tiġi ordnata t-trattazzjoni fil-meritu.*

*Meta waħda mil-partijiet f'kawża tmut "pendente lite", l-eredi jew l-eżekutur ta' dik il-parti, kif ukoll kull min għandu nteress, jista' jitlob, b'rikors, li l-attijiet tal-kawża jgħaddu fil-persuna tiegħu sabiex jissokta l-kawża minflok il-parti li mietet. Jekk ħadd ma jidher biex jagħmel din it-talba, il-parti l-oħra tista', b'rikors, titlob li l-kawża tgħaddi fil-persuna tal-eredi preżuntiv tal-parti li mietet, jekk dan ikun magħruf; u li jiġu nominati kuraturi, jekk dan ma jiddikjarax fiż-żmien preskritt mill-liġi li jrid jissokta l-kawża. Meta mbagħad ma tkunx magħrufa ebda persuna li għandha d-dritt tirrappreżenta l-parti l-mejta, ir-rikors jista' jkun fih biss it-talba għan-nomina ta' kuraturi biex jissoktaw il-kawża.*

*Jekk tmut il-parti attriċi "pendente lite", u l-eredi tagħha ikun konvenut fil-kawża, anki jekk ikun imħarrek "għall-interess li jista'*

---

(*) Ceduta fit-18 ta' Ġunju, 1956.

*jkollu", imma fil-fatt huwa jkollu dan l-interess, hu ma jistax jitlob li ssir it-trasfużjoni tal-ġudizzju fil-persuna tiegħu biex ikun jista' jkompli l-kawża minflok il-parti attriċi li mietet, għax hu ma jistax ikun attur u konvenut fl-istess ġudizzju; u għalhekk il-proċedura li hija ntiża biex il-ġudizzju jiġi trasfuż fil-persuna tiegħu tkun ozjuża; u l-unika trieq miftuħa għal dak l-eredi hija dik li jitlob in-nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw il-parti attriċi li mietet, billi dan il-provvediment huwa applikabbli anki meta l-persuna li għandha dritt tirrappreżenta l-mejjet ma tkunx tista', minħabba ostakolu legali, tirrappreżentah.*

*Għaldaqstant, jekk il-persuna li tiġi nominata kuratriċi biex tirrappreżenta lill-parti attriċi li mietet f'ċirkustanzi simili tappella mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, l-appell tagħha mhuwiex null.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li biħ l-attriċi, wara li tippremetti illi l-konvenut Carmelo Spiteri kien akkwista, u kien, u għadu, jamministra anki fl-interess tagħha (a) id-dar nru. 53 u 54, drabi oħra numri 49 u 50, St. Andrew Street, Sqaq V, Ħal-Luqa, akkwistata fl-atti tan-Nutar Dr. Rosario Frendo Randon tat-23 ta' Awissu 1930; (b) iż-żewġ garages numri 50B. u 50C. fi sqaq fl-istess St. Andrew Street, Luqa, mibnija fuq il-ġardina tad-dar diġà msemmija ;(ċ) id-dar numru 70, drabi oħra numru 63, St. Andrew Street, Luqa, u d-dar numru 25, drabi oħra numru 20A., Britannia Street, Luqa, akkwistati fl-atti tan-Nutar Angelo Cachia tas-6 ta' Novembru 1926; (d) id-dar numri 29 u 30, drabi oħra numri 24 u 25, Britannia Street, Alley II, qabel Alley I, Luqa, akkwistati fl-atti tan-Nutar Dr. Rosario Frendo Randon tas-6 ta' Settembru 1930; (e) id-dar numri 28 u 29, drabi oħra 20 u 21, Saint Joseph Street, Luqa, u d-dar numri 22A. u 23 St. Joseph Street, Alley I, ġa Alley III, Luqa, akkwistati fl-atti tan-Nutar Dr. Ettore F. Vassallo tat-12 ta' Lulju 1938; (f) il-qabar numru 6 fiċ-ċimiterju ta' Ħal-Luqa; illi l-istess konvenut Carmelo Spiteri ilu u għadu jaħdem, u għandu taħt il-kontroll tiegħu, żewġ char-a-bancs fuq il-linja taż-Żurrieq, numri 2827 u 2594, u kellu wkoll f'idejh char-a-banc "private" numru 1072, u "touring car Vauxhall" numru 3521, barra minn flus likwidi, xi oġġetti tad-deheb u depożiti fil-Bank li għad jirriżultaw waqt il-kawża; f'lie-

ma karrozzi, flus, deheb u depożiti, hija għandha nteress bħala komproprjetarja, għalkemm il-liċenzi tal-karrozzi u depożiti jistgħu jgħajtu lill-konvenut Carmelo Spiteri;

Titlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, (1) jiġi dikjarat u deċiż li hija għandha almenu n-nofs mill-imsemmijin fondi u karrozzi, billi l-akkwisti relattivi saru anki fl-interess tagħha, kif ukoll mill-imsemmija flus u deheb u depożiti; (2) il-konvenut ikun kundannat jirrendilha kont fidil u eżatt tal-ġestjoni tal-istess fondi u karrozzi, kif ukoll tal-imsemmija flus, deheb u depożiti, u dan fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit, billi, fin-nuqqas ta' rendikont simili f'dana ż-żmien, hija tkun awtorizzata tippreżenta kont hi, li tikkonferma bil-ġurament. Bl-ispejjeż. Il-konvenuti ġew imħarrkin għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Spiteri, li biha eċċepixxa illi l-allegazzjoni li huwa akkwista l-proprjetà indikata fiċ-ċitazzjoni, sija mobili kemm immobili, fl-interess tal-attriċi, u illi qiegħed jamministra fl-interess tal-attriċi, hi kuntrarja għall-fatt riżultanti minn attijiet notarili, minn dokumenti uffiċjali, u mill-għemil tiegħu stess minn mindu akkwista dik il-proprjetà sal-lum; illi, jekk l-attriċi riedet twaqqa' dak li jirriżulta minn dawk id-dokumenti, hija kellha titlob dikjarazzjoni espliċita f'dak is-sens; illi mingħajr it-talba ta' simili dikjarazzjoni d-domandi tal-attriċi huma mingħajr bażi; illi, mingħajr preġudizzju, id-domanda kif magħmula, ma tistax isseħħ, għaliex in falsa ipotesi l-istess proprjetà tkun tappartjeni mhux lill-attriċi, imma lill-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bein l-attriċi u żewgħa Giuseppe Spiteri, li l-eredità tiegħu mhix rappreżentata f'din il-kawża, mentri hemm kawża oħra quddiem dina l-Qorti fl-ismijiet "Liberata Spiteri vs. Carmelo Spiteri", li fiha l-attriċi qegħdha titlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti; illi, qabel ma tispiċċa l-imsemmija kawża u jiġu assenjati l-beni lill-attriċi b'sodisfazzjon ta' sehemha tal-akkwisti, l-attriċi ma tistax tagħmel il-kawża preżenti; illi fil-fatt dik il-proprjetà tappartjeni esklużivament lilu, li akkwistaha u ppossediha sal-lum fl-interess esklużiv tiegħu;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-23 ta' Mejju 1955, li biha laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Carmelo Spjteri, u hekk illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra Gertrude Gerada nomine; wara li kkunsidrat;

Illi fit-tielet paragrafu tan-nota tagħha tad-9 ta' Diċembru 1954, l-attriċi tammetti illi l-iskop tal-kawża preżenti hu appuntu dak li jiġi dikjarat illi dak li jirriżulta mill-kuntratti u atti oħra dwar il-proprjetà tal-ġid imsemmi fiċ-ċitazzjoni mhux eżatt. Dan ifisser illi l-attriċi trid twaqqa' dak li jirriżulta minn dawk il-kuntratti; u għalhekk, kif tajjeb jissottometti l-konvenut Carmelo Spiteri, biex tagħmel dan, l-attriċi kien imissha titlob dikjarazzjoni esplicita f'dak is-sens;

Tabilħaqq, għall-finijiet tat-talbiet tal-attriċi dik id-dikjarazzjoni hi essenzjali, billi fuq l-eżistenza o meno tal-istat ta' fatt pretiż minnha, u li jinsab kontraddett mill-kuntratti li ssemmew, qiegħed jiġi minnha radikat stat ta' dritt li jifforma l-bażi tal-istess talbiet. F'dan is-sens ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru 1877, fil-kawża fl-ismijiet "Abdilla vs. Messina":— "E' di regola che le domande principali devono essere precedute da domande per dichiarazioni, od alle domande principali devono essere aggiunte domande per dichiarazioni, quando il fatto per cui si domanda la dichiarazione sia stato negato o messo in dubbio dal convenuto e quindi da lui provocata, o quando la dichiarazione si riconosca necessaria per la proposizione della domanda principale, come intrinsecamente connessa colla domanda principale" (Vol. VIII, 326);

Rat in-nota tal-appell ta' Gertrude mart Vincenzo Gerada, minnu assistita, kuratriċi biex tirrappreżenta l-eredità tal-attriċi Liberata Spiteri, u rat il-petizzjoni tagħha, fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi konsegwentement jiġi ordnat li l-kawża tiġi trattata fil-meritu, jew billi tiġi rinvijata lill-Ewwel Qorti, jew tiġi deċiża minn din l-istess Qorti, skond ma jkun jidhrilha; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-inċident li l-petizzjoni tal-appell hija difettuża;

Illi l-appellat Carmelo Spiteri eċċepixxa preliminarment li l-allegazzjoni li huwa akkwista l-proprjetà indikata fl-att taċ-ċitazzjoni, sija mobili kemm immobili, fl-interess tal-attriċi, u li qiegħed jamministra fl-interess tagħha, hi kuntrarja għall-*fatti riżultanti minn* attijiet notarili, minn dokumenti uffiċjali, u mill-għemil tiegħu stess *minn mindu akkwista* dik il-proprjetà sal-lum, u jekk l-attriċi riedet twaqqa' dak li jirriżulta minn dawk id-dokumenti, kellha titlob dikjarazzjoni espliċita f'dak is-sens, billi, mingħajr it-talba ta' dikjarazzjoni simili, id-domandi tal-attriċi huma mingħajr bażi. Bis-sentenza appellata ġiet milqugħa dik l-eċċezzjoni, u konsegwentement il-konvenuti ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attriċi Gertrude Spiteri *nomine*. Dina tal-aħħar appellat minn dik is-sentenza, u fil-petizzjoni tal-appell talbet li l-istess sentenza "tiġi revokata, billi konsegwentement jiġi ordnat li l-kawża tiġi trattata fil-meritu, jew mill-Ewwel Qorti, lil min tiġi rinvijata, jew minn din il-Qorti, jekk din hekk jidhrilha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati";

Ikkunsidrat;

Illi, skond il-liġi (art. 141 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), il-petizzjoni għandha tkun fiha t-talba għar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata, jew ta' xi parti minnha. Meta t-talba tkun għar-revoka, fil-petizzjoni għandu jkun hemm *miġburin fil-qosor it-talba* kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni u *d-deċiżjoni* mogħtija bis-sentenza, u għandu jintalab li tiġi milqugħa jew miċħuda t-talba hawn fuq imsemmija (art. 142 (1) Kodiċi ċitat). Fil-każ in eżami, l-appellanti talbet ir-revoka tas-sentenza appellata, iżda ma talbetx li jiġu milqugħin it-talbiet tagħha dedotti bl-att taċ ċitazzjoni. Għalkemm dan id-difett huwa sanabbli u ma jġibx għan-nullità tal-petizzjoni (art. 142 (3) Kodiċi ċitat), l-appellanti ssottomettiet li f'dan il-każ ma hemmx dak id-difett, u għalhekk mhix neċessarja ebda sanatorja. Din il-Qorti taqbel *ma' din* is-sottomissjoni. Infatti l-Ewwel

Qorti lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju, u għalhekk ma għaddietx għat-trattazzjoni fil-meritu. Dan il-meritu ma setgħax jiġi deċiż qabel ma tkun saret it-trattazzjoni firrigward tiegħu, u r-revoka tas-sentenza appellata ma tistax iġġib għall-akkoljiment tad-domandi kontenuti fl-att taċċitazzjoni, iżda biss għat-trattazzjoni tal-meritu rigwardanti dawk id-domandi. Jiddependi minn dik it-trattazzjoni jekk dawk id-domandi jiġux milqugħa jew le. Kienet għalhekk korretta l-appellanti, li f'dan l-istadju preliminari tal-kawża talbet fil-petizzjoni tal-appell li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tiġi revokata u li tiġi ordnata t-trattazzjoni fil-meritu; u huwa evidenti li fil-kelma "trattazzjoni" hija virtwalment kompriża d-deċiżjoni ta' dak il-meritu;

Ikkunsidrat, fuq l-inċident l-ieħor dwar in-nullità tal-appell, sollevat mill-konvenut Carmelo Spiteri;

Illi bid-dokument eżibit mill-imsemmi Carmelo Spiteri b'nota tiegħu tal-1 ta' Ġunju 1954 (fol. 28, 29), ġie miġjub a konjizzjoni tal-Qorti tal-Ewwel Istanza li l-attriċi Liberata Spiteri mietet fis-6 ta' April 1954. Mħabba f'hekk, il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-4 ta' Ottubru 1954, biex jiġu leġittimati l-atti; u mill-ġdid għall-istess skop għas-seduta tat-23 ta' Novembru 1954 (fol. 30). Fit-2 ta' Ottubru 1954 il-konvenut Filippo Spiteri talab b'rikors in-nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Liberata Spiteri f'din il-kawża u fl-atti l-oħra kollha relattivi u susseġwenti. Fl-4 ta' Ottubru 1954 il-Qorti ordnat l-ispedizzjoni tal-bandi, li ġew notifikati lil Gertrude mart Vincent Gerada, li tagħha Liberata Spiteri kienet in-nanna. B'nota tad-9 ta' Ottubru 1954 (fol. 34) l-imsemmija Gertrude Gerada ddikjarat l-aċċettazzjoni tagħha li tirrappreżenta l-eredità ta' nannitha Liberata Spiteri, kif mitlub bl-imsemmi rikors tat-2 ta' Ottubru 1954, u b'digriet tal-Ewwel Qorti tat-12 ta' Ottubru 1954 hija ġiet konfermata f'dik il-kurazija. Fit-23 ta' Novembru 1954 il-kawża ġiet differita għad-9 ta' Jannar 1955 għad-deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari; u f'din l-aħħar data reġgħet ġiet differita għas-7 ta' Marzu 1955 għas-sentenza; iżda ġiet deċiża fit-23 ta' Marzu 1955 (fol. 35);

**Ikkunsidrat;**

Illi l-appellat Carmelo Spiteri oppona n-nullità tal-appell minħabba kontravvenzjoni għall-art. 810(1) tal-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili, (a) għaliex l-eredi ta' Liberata Spiteri huwa konoxxut, billi dan huwa l-istess Filippo Spiteri, nominat bit-testment tas-17 ta' Ottubru 1946 in atti Nutar Dr. John Tabone Adami, konfermat b'testment ieħor in atti tan-Nutar Dr. Carmelo Giuseppe Vella tad-29 ta' Ottubru 1949, (b) u għaliex Filippo Spiteri mhux "il-parti l-oħra" fis-sens tal-imsemmi artikolu, billi huwa ġie konvenut "jekk jidhirlu li għandu nteress", u fil-fatt huwa ma hu konvenut xejn, għaliex id-domandi mhumiex rivolti kontra tiegħu, imma biss kontra Carmelo Spiteri;

**Ikkunsidrat;**

Illi skond il-liġi, art. 809 Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-eredi jew l-eżekutur ta' waħda mill-partijiet, li tmut "pendente lite", u kull wieħed ieħor li għandu nteress, jista' jitlob b'rikors li l-attijiet tal-kawża jgħaddu fil-persuna tiegħu sabiex jissokta l-kawża minflok il-parti li tkun mietet. U fl-ewwel paragrafu tal-artikolu ta' wara (810) jinsab stabbilit li jekk ħadd ma jidher biex jitlob sabiex il-kawża tgħaddi fil-persuna tiegħu minflok il-parti li tkun mietet, il-parti l-oħra tista', b'rikors, titlob li l-kawża tgħaddi fil-persuna tal-eredi preżuntiv tal-parti mejta, jekk ikun magħruf, u li jiġu nominati kuraturi biex jidħlu minflok il-mejjet jekk l-eredi preżuntiv, fiż-żmien li jiġi mogħti mill-Qorti fid-digriet, u notifikat lilu, ma jiddikjarax, per mezz ta' nota, li jrid jissokta l-kawża. Fit-tieni paragrafu l-imsemmi art. 810 ikompli jgħid li, meta ma tkun magħrufa ebda persuna li għandha d-dritt li tirrappreżenta l-mejjet, ir-rikors jista' jkun fih biss it-talba għan-nomina ta' kuraturi sabiex jissoktaw il-kawża. L-appellat Carmelo Spiteri qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni tan-nullità, minnu opposta, fuq il-motiv li l-eredi ta' Liberata Spiteri kien magħruf, u għalhekk fir-rigward tiegħu messha ġiet segwita l-proċedura stabbilita fl-imsemmi l-ewwel paragrafu tal-art. 810, u għaliex l-appellat Filippo Spiteri ma jistax jitqies bħala dik "il-parti l-oħra" prevista fl-istess dispożizzjoni tal-liġi;

Tikkunsidra;

Illi l-appellat Filippo Spiteri, li jinsab indikat bħala eredi ta' Liberata Spiteri mill-appellat l-ieħor Carmelo Spiteri, ġie konvenut f'din il-kawża "għall-interess li jista' għandu". Mid-dikjarazzjoni preżentata mal-att taċ-ċitazzjoni l-interess tal-imsemmi Filippo Spiteri f'din il-kawża huwa evidenti, u dak l-interess kompla sostnieh fin-nota tal-eċċezzjoni tiegħu (fol. 6), fejn qal li huwa għandu sehem mil-beni ndikati fiċ-ċitazzjoni, li jinsabu posseduti u amministrati mill-konvenut Carmelo Spiteri. Waqt it-trattazzjoni tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, l-istess Filippo Spiteri kompla rradika dak l-interess tiegħu fil-kawża bil-produzzjoni tad-dokumenti fil-fol. 13, 14 u 15 tal-proċess. Minn dan jidher li l-pożizzjoni ta' Filippo Spiteri fil-kawża bħala konvenut kienet stabbilita minn żmien qabel il-mewt tal-attriċi Liberata Spiteri (Kollez. Vol. XV, 547; u Vol. XXV-I-310-311), u in vista' ta' dik il-pożizzjoni tiegħu ma setgħax jitlob li l-ġudizzju f'lok dik l-attriċi jiġi trasfuż fil-persuna tiegħu, billi ma setgħax fl-istess kawża u fl-istess ħin ikun attur u konvenut. Mil-banda l-oħra, is-sottomissjoni tal-appellat Carmelo Spiteri, li l-kliem "il-parti l-oħra", li jirrikorru fl-ewwel paragrafu tal-imsemmi art. 810, għandhom jifthemu għall-parti opposta li jkollha nteress oppost realment u sostanzjalment, u mhux biss proċedurali, mhix aċċettabbli. Infatti, il-limitazzjoni minnu propunjata hija arbitrarja, u tista' twassal għall-konsegwenza li, meta l-interess tal-kontendenti jkun identiku, bħal f'xi każ ta' diviżjoni, il-kontinwazzjoni tal-proċess tiġi ntralċjata u miżmuma, mentri huwa ta' evidenza palmari li l-leġislatur iddetta l-imsemmija dispożizzjonijiet tal-art. 809 u 810 biex, meta jmut fil-kors tal-kawża wieħed mill-litiganti, l-interess tiegħu jiġi rappreżentat biex il-kawża tkun tista' titkompla u tispiċċa;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-premess jinsab stabbilit dan li ġej:— (a) li mħabba l-kwalità tiegħu ta' konvenut fil-kawża, Filippo Spiteri ma setgħax jitlob li l-ġudizzju għall-interess ta' l-attriċi Liberata Spiteri jiġi trasfuż fil-persuna tiegħu; (b) li għall-istess raġuni ma kienx hemm lok, billi kienet tkun ozjuża, tal-proċedura traċċjata fl-ewwel paragrafu tal-im-

semmi art. 810; (ċ) u li l-unika trieq miftuħa lill-appellat Filippo Spiteri kienet dik minnu segwita, jiġifieri dik indikata fit-tieni pragrafu tal-istess art. 810, li għandha ssib l-applikabbilità tagħha anki meta l-persuna li jkollha d-dritt tirrappreżenta l-mejjet ma tkunx tista', mħabba ostakolu legali, tirrappreżentaha. L-eċċezzjoni tan-nullità, opposta mill-appellat Carmelo Spiteri, ma tistgħax, għar-raġunijiet fuq miġjuba, tiġi milqugħa;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-appellat Carmelo Spiteri li l-petizzjoni tal-appell hi difettuża, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell opposta mill-istess Carmelo Spiteri, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

U tordna l-kontinwazzjoni ta' dan l-appell; għal liema skop tiddifferixxi l-kawża għas-seduta tat-13 ta' April, 1956.